## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 30 ta' Jannar, 2020**

**Talba Nru: 244/2019 PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**D'Errico Donato**
**(AX1640649 u/jew 170393(A))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tlieta (3) ta' Settembru, 2019 illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbat elef u erbgha u hamsin ewro u ghaxar centezmi (€4054.10) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40803083 liema somma l-konvenut baqa' ma hallasx minkejja li gie debitament interpellat, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk in konnessjoni mal-ittra ufficjali bir-referenza 422/19 u bl-imghaxijiet legali sa mit-tmintax (18) ta' Marzu, 2019 data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li fis-seduta tal-lum, filwaqt li s-socjeta` attrici irriduciet it-talba taghha bl-ammont ta' erba' mitt euro (€400) b'dana li l-bilanc rimanenti ammontanti ghal tlett elef, sitt mija u erbgha u hamsin euro u ghaxar centezmi (€3654.10) flimkien mad-drittijiet imghaxijiet u spejjez legali baqa' mitlub mill-konvenut li, konsegwentement ghal tali nota ta' riduzzjoni, prezenta nota ta' amissjoni tat-talba hek ridotta.

Ra illi l-kawza giet posposta ghas-sentenza.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba, inkluza l-kopja tal-ittra ufficjali surreferita notifikata lill-intimat fit-tmintax (18) ta' Marzu, elfejn u dsatax (2019).

Ra n-nota ta' riduzzjoni hawn fuq imsemmija, sema' l-qari ta' u ra n-nota t'ammissjoni tal-istess konvenut fir-rigward tat-talba kif ridotta.

Ikkunsidra illi l-ammont mitlub, kif ridott, jirrizulta dovut mill-konvenut, flimkien mal-ispejjez u l-imghaxijiet relattivi, in kwantu kkonfermat mid-dokumenti ezebiti u ammess mill-konvenut.

Ghaldaqstant it-Tribunal, in vista tal-ammissjoni registrata mill-istess konvenut, jilqa' t-talba attrici kif ridotta u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma rimanenti ta' tlett elef, sitt mija u erbgha u hamsin euro u ghaxar centezmi (€3654.10) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 4080308, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk in konnessjoni mal-ittra ufficjali bir-referenza 422/19 u bl-imghaxijiet legali sa mit-18 ta' Marzu, 2019 data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali lill-konvenut sad-dati tal-pagamenti effettivi, kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**